MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tal-11 ta' Settembru, 2003

Numru. 100/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs-**

**CARMEL MAGRO**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat CARMEL MAGRO bin Joseph u Margaret nee Attard, li joqghod 220, 'St. Theresa', Triq in-Naxxar, B'Kara, detentur tal-karta tal-identita numru 453876M gie imressaq quddiemha akkuzat talli fl-ghaxra ta' Marzu 2003 bejn l-ghaxra neqsin kwart u l-ghaxra w kwart ta' filghodu minn fuq il-bahar bejn Ghawdex u Malta u/jew fl-Imgarr ix-Xini limiti ta' Sannat, Ghawdex;

(a) Matul l-istagun maghluq ghal kacca tal-ghasafar kemm minn fuq il-bahar kif wkoll minn fuq l-art,

ikkaccja jew ipprova jikkaccja ghal xi ghasafar fosthom kwantita ta' *Garganeys*;
(b) Talli f'distanza sa tlett kilometri jew inqas mill-kosta, minn fuq *speed boat* numru S-9002 ikkaccja jew ipprova jikkaccja;
(c) Talli garr fuq il-bahar filwaqt li kien inqas minn tlett kilometri mill-kosta kif wkoll f'Imgarr ix-Xini, Sannat, Ghawdex, munizzjoni u senter tal-marka Luigi Franchi numru T-15758, ikkargat u/jew bl-iskratacc fil-magazine u/jew barra mill-ghata tieghu;
(d) Talli kellu fil-pussess tieghu senter licenzjat biex jintuza ghal kacca b'magazine li jista jkollu aktar minn zewg skratacc fl-istess hin;
(e) Talli kkaccja jew ipprova jikkaccja xi ghasafar b'mezzi elettronici u cioe bl-uzu ta' tisfir ta' ghasafar registrat [*pre-recorded bird calls*];
(f) Talli fl-istess data, hin u postijiet, kellu fil-pussess tieghu, spara jew uza skratacc ikkargati b'comb ta' daqs aktar minn 3.2 mm f'dijametru;
(g) Talli bhala persuna licenzjata mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jzomm jew igorr munizzjon u senter numru T-15758 ghal skopjiet ta' kacca, naqas li jzomm l-istess senter u munizzjoni fil-kustodja tieghu b'tali mod li setghu jigu f'idejn haddiehor.
Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-artikolu 25(2)(a) u 25(3)(b) tal-Avviz Legali 41/2003.

Rat l-artikoli tal-ligi Avviz Legali 41/2003, artikolu 2(a)(i)(c), artikolu 9(g)(ii)(aa), artikolu 9(1)(a)(f) (iii), artikolu 9(1)(g)(v), artikolu 9(2)(b), artikolu 13(1)(b), artikolu 19, artikolu 8(1) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet x-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, u cioe lil Ispettur Antonello Grech jghid li skond ricerka maghmula minnu, l-imputat huwa licenzjat mal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jzomm w igorr fuq l-art u fuq il-bahar arma tal-ghamla Luigi Franchi numru T-15758.

Semghet lil PS 1346 jixhed u jispjiega li dak li rrizulta fl-investigazzjoni u cioe li l-imputat qallu li kien gie minn Malta u mar Imgarr ix-Xini. Ex admissis b'mod voluntarju qallu li kien fuq il-blat u papri ma qatilx. Huwa esibixxa s-

senter automatic Luigi Franchi numru T-15758 li kien fil-pouch kannella b'sitt sktratacc fil-magazine registrat f'isem l-imputat.

Semghet lil PC 1506 jikkonferma dak li qal l-imputat lil PS 1346 u dan fis-seduta tat-tmienja ta' Mejju 2003.

Il-Qorti kienet innominat b'digriet tat-tmienja ta' Mejju 2003 lil Brigadier Maurice Calleja sabiex jezamina l-iskratacc esibiti mas-senter u nhar d-dsatax ta' Gunju 2003, l-istess Brigadier Maurice Calleja ippresenta u halef r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument MB. Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li l-iskratacc kienu ta' 4.5 mm u ghalhekk kontra l-ligi.

Semghet lil PC 1170 jixhed nhar l-hamsa ta' Gunju 2003 fejn qal li huwa kien presenti meta l-Pulizija sabu s-senter tal-imputat u gharfu bhala l-istess wiehed esibit l-Qorti.

Illi nhar s-sebgha ta' Awissu 2003 l-Ispettur Maurice Curmi esibixxa kopja tal-allegata sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-konfront ta' Carmelo Magro.

Illi bir-rispett kollu din is-sentenza ma tikkostitwixxi ebda prova fil-konfront tal-imputat u dan ghaliex fl-ewwel lok minn ezami tal-istess ma jirrizultax li hemm akkuza li Magro kien instab hati u fit-tieni lok ghaliex il-Prosekuzzjoni ma ressqet ebda xhud biex jikkonferma l-identita tal-imputat fir-rigward ta' din l-istess sentenza.

Illi PS 187 xehed nhar t-tmienja ta' Mejju 2003 w ippresenta l-okkorrenza relattiva. Minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat kien ikkonfessa mieghu li kien mar fuq il-blat sabiex jikkaxxja pero ma kienx qatel papri. Kien ammetta li s-senter Liugi Franchi numru T-15758 esibit fl-atti kien l-istess wiehed li l-imputat kien ammetta mieghu li kien tieghu.

Illi l-imputat rregistra amissjoni dwar il-hames (5) akkuza u dan nhar t-tmienja ta' Mejju 2003.

Illi d-Difiza sostniet li dak li qal l-imputat lil Ufficjal tal-Pulizija ma jikkostitwix prova fil-konfront tal-imputat peress li ma nghatat ebda caution qabel.

Illi kif din l-Qorti kif preseduta diga kellha okkazzjoni tesprimi ruhha f'sentenzi ohra moghtija llum fl-ismijiet Il-Pulizija v Carmelo Magro u Il-Pulizija v Michael Cutajar, sostniet li ma hux necessarju sine qua non izda hija desiderabbli sabiex tipprova il-voluntarjeta o meno tal-istqarrija.

Issa f'dan il-kaz jirrizulta bla ebda dubbju ta' xejn li dak li qal l-impuat qalu b'mod voluntarju u minn jeddu u fl-ebda hin ma qal l-kuntrarju ghaliex fil-fatt lanqas biss xehed biex jikkontesta jew jichad dak li qalu l-Ufficjali tal-Pulizija.

Illi ghalhekk, fid-dawl tas-suespost, il-Qorti thoss li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-ewwel (1), r-raba (4), hames (5),  s-sitt (6) u s-sebgha (7) akkuza fil-konfront tal-imputat u ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi fuq citati, tiddikjara li ssib lil imputat CARMEL MAGRO hati taghhom u tikkundannah komplessivament ghal hlas ta' multa ta' mitejn lira maltin [LM 200] u tiddikjara li ma ssibux hati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) akkuza u tilliberah minnhom.

Oltre dan tordna li l-oggetti relatati mal-kacca esibiti f'dawn l-atti jigu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------